**Kulħadd għandu missjoni**

Dan kien il-messaġġ li tani
Dak il-famuż u magħruf flokk,
Li rajt għodwa waħda ħdejja
Fl-isptar, għalhekk dal-kliem ngħożż.

Mhux li kien jaħasra nemmnu
Dak li Alla bina ħejja,
Li jwettaq bi mħabba kbira
Anki jekk il-bniedem jgħejja.

Taqtax qalbek għażiż bniedem
Inti ma ġejtx għalxejn maħluq,
Ġejt mogħti nkarigu meħtieġ
Biex tgħolli lil did-dinja 'l fuq.

Ftakar o bniedem u ifhem
Li dax-xogħol hu sejħa għalik,
Tħalli xejn jisfrattak minnu
Tħallix lid-dinja tidħak bik.

Miskina għandha wisq bżonnok
Hemm araha, imkissra ġo ħajt,
Agħtiha naqra mill-ħajja
Li mill-vanġelu inti qrajt.

Għax iż-żmien malajr se jaħrab
Did-dinja tintefa' f'riġlejk,
Araha jaħasra magħluba,
Urieha ħniena minn għajnejk.

Jekk ma twettaqx il-missjoni
Għid li mhu se jwettaqha ħadd,
Kuraġġ agħmel ħalli l'Alla
Jgħinek ħa taqdi lil kulħadd.

Kemm fiha x'titgħallem 'l-ħajja
Lezzjoni wara lezzjoni,
L-akbar waħda hi kliem il-flokk
Li kulħadd għandu missjoni.

Patri Mario Attard OFM Cap
17 ta' Mejju 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.